- *PREZZ TA' MATERJAL FORNIT –*
- *KONSENJA TA' MATERJAL/OGGETTI DIFETTUZI –*
- *SPEJJEZ TA' KAWZA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 802/97/RCP**

**Dr. Thomas Abela bhala rapprezentant gudizzjarju tad-ditta "Concrete Products Limited" u b'nota tat-22 ta' Frar 1999 l-istess Dr. Thomas Abela assuma l-atti tal-kawza bhala stralcarju tal-istess socjeta` attrici.**

**vs**

**Saviour Camilleri.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi d-ditta attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u sebgha u disghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,897.61), dovuti bhala prezz ta' planki tas-soqfa u mibjugha u kkonsenjati u xoghol iehor konness, lill-konvenut.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi baqa' inadempjenti u l-bilanc ghadu sal-lum dovut.

Illi dwar is-somma imsemmija, kif kkonfermat fl-affidavit anness, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, billi l-kreditu tal-attur huwa veru, cert likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attur ma ghandu ebda eccezzjoni valida x'joffri kontra t-talba tal-attur.

Illi l-istess attur nomine talab li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. B'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici u Organizzazzjoni Civili tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, tmien mija u sebgha u disghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,897.61), dovuti bhala prezz ta' planki tas-soqfa u mibjugha u kkonsenjati u xoghol iehor konness, kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru, kontestwalment ipprezentati mal-att tac-citazzjoni, u tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju 1995 u dik bonarja tal-21 ta' Frar 1996 u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat l-affidavit tal-attur a fol. 6 tal-process.

Rat il-verbali tal-5 u 19 ta' Mejju 1997 u 23 ta' Mejju 1997 fejn il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, u l-kawza tiehu l-kors normali taghha u l-kawza giet differita ghat-3 ta' Novembru 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 16 tal-process fejn ecceppixxa li:-

(1) In linea preliminari, it-talbiet attrici huma preskritti *ai termini* ta' l-**artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhuwiex dovut ghaliex il-planki tas-soqfa konsenjati ma kienux ta' livell accettabbli, kienu difettuzi u mhux skond il-

ftehim pattwit u inoltre l-istess planki u/jew ix-xoghol konness maghhom ma nhadmux skond is-sengha u l-arti.

(3) Illi, difatti, il-konvenut kellu jhallas il-flus sabiex ikun jista' jirranga s-sitwazzjoni u semmai ghandu jkun hu li jigi kkumpensat ghall-hsara li saritlu u mhux ihallas hu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u c-certifikat tal-Perit Aldo Caruana a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 u 26 ta' Novembru 1997 u tat-13 ta' Frar 1998.

Rat l-affidavit tal-konvenut tal-24 ta' Novembru 1997 a fol. 23 tal-process.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Mejju 1998 a fol. 30A sa 33 tal-process fejn dik l-Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduti tas-17 ta' Gunju 1998 fejn gie nnominat il-Perit Tekniku A.I.C. Joseph Ellul Vincenti

sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' Frar 1999, 4 ta' Ottubru 1999, 24 ta' Jannar 2000, 23 ta' Frar 2000, 20 ta' Marzu 2000, 5 ta' Gunju 2000, 14 ta' Novembru 2000, 11 ta' Jannar 2001, 1 ta' Gunju 2001, u 17 ta' Ottubru 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat l-affidavit tal-attur a fol. 44 u ta' Frank Abela a fol. 52 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti u accessi mizmuma quddiem l-Perit Tekniku.

Rat ir-relazzjoni peritali tal-Perit Joseph Ellul Vincenti tat-28 ta' Settembru 2000 a fol. 60 sa fol. 68 tal-process.

Rat ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti tas-17 ta' Ottubru 2001, u in-nota tieghu esebita bhala Dok. "JEV" tal-istess data fejn irrisponda ghad-domandi li sarulu.

Rat in-nota ta' Dr. Thomas Abela datata 22 ta' Frar 1999, u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 19 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur nomine qed jaghmel din il-kawza stante li qed isostni li l-konvenut huwa debitur tieghu nomine fl-ammont ta’ elfejn, tmien mija u sebgha u disghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,897.61), dovuti bhala prezz ta’ planki tas-soqfa u mibjugha u kkonsenjati u xoghol iehor konness.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-planki konsenjati ma humiex ta’ livell accettabbli, kienu difettuzi u mhux skond il-kwalita` pattwita, u ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Illi mix-xhieda ta’ **Dr. Thomas Abela** jirrizulta li l-planki gew ikkonsenjati fis-sena 1990, u hargu l-i*nvoices* relattivi fit-12 ta’ Dicembru 1990 u fit-23 ta’ Settembru 1991 kif jidher mid-dokumenti relativi Dok. “TA 1” u Dok. “TA 2” a fol. 46 u 47 tal-process, li minnhom il-konvenut hallas l-ammont ta’ Lm360 f’Settembru 1990 u Lm250 fl-14 ta’ Ottubru 1994, u hallew il-bilanc ta’ Lm2,897.61 mertu tal-kawza odjerna. Sar ilment mill-konvenut u wara li d-direttur tas-socjeta` attrici ra ix-xoghol, ghall-fini ta’ transazzjoni sar tnaqqis ghas-somma ta’ Lm1,564, izda kien kollu ghal xejn ghaliex il-konvenut baqa’ ma hallasx.

Illi dan kollu jinsab ikkonfermat minn **Frank Abela**, direttur tas-socjeta` attrici, li zied jghid li dan it-tnaqqis sar ghaliex l-

istess socjeta` kellha interess li tillikwida l-assi taghha, izda l-konvenut ma accettax dan il-ftehim.

Illi min-naha tieghu **l-konvenut** sostna li huwa mill-ewwel ilmenta li l-istess planki kienu difettuzi ghaliex kellhom l-wicc taghhom li ma kienx lixx, u wara gie informat li l-istess difett ma setghax jirranga ruhu ghaliex il-wicc kien imqabbez, u ghalhekk kellu jghatti l-planki b'soffitt fil-*ground floor tal-maisonette* tieghu, izda fil-garaxx hallihom mikxufa, w allura ma hallasx.

Illi huwa gab lill-Perit Aldo Caruana li irrilaxxa certifikat datat 5 ta' Marzu 1996 fejn ikkonferma li l-istess planki kienu deformati ghaliex il-qiegh taghhom ma huwiex catt u lixx izda mqabbez, u dawn id-difetti jinneccessitaw li jew jigu llixxati jew inkella ssir soffitt.

Illi l-perit tekniku **A.I.C. Joseph Ellul Vincenti** ikkonstata waqt l-access minnu mizmum fl-24 ta' Novembru 1998, li l-istess planki ghandhom il-qiegh taghhom ma huwiex lixx, ghaliex jidher li meta gew ikkastjati il-pista ma kienitx nadifa; u li l-maggoranza tal-planki, circa zewg terzi (2/3) tal-ammont ikkonsenjat tqeghdu fil-garaxx, mentri il-bqija tqeghdu fil-*maisonette,* fejn sar soffitt fis-*sitting/dining, fil-kcina u fil-bathroom.*

Illi l-istess perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li dan kien difett estetiku u mhux strutturali, b'mod li is-sahha tal-istess planki baqghet l-istess. Fil-fatt dawn il-planki normalment jintuzaw f'garaxxijiet u mhazen, u ghalhekk ikkonkuda li:

*“(i) Illi l-planki prestressed, … … … … ghandhom difetti estetici f’hafna lokalitajiet, izda difetti li ma jnaqqsux jew ibiddlu s-sahha tal-planki.*

*(ii) Illi fil-garage dawn il-planki setghu u jistghu jigu irrangati billi dawn id-difetti jigu ‘sanded’ sakemm johrog il-wicc sew.*

*(iii) Illi fil-maisonette wiehed jistenna illi anke kieku l-planki kienu bla difett xorta wahda kien ikollu jsir suffitt peress li l-wicc tal-planki mhux possibbli li jinkesa peress li l-wicc ikun lixx hafna u l-kisi ma jaqbadx. Ghalhekk kien jistenna li xorta wahda is-soqfa tal-maisonette kellu jinkesa b’suffitt.*

*Ghaldaqstant is-sottoskritt jidhirlu li l-atturi ghandhom inaqsu s-somma pretiza minnhom bi hmistax fil-mija (15%) cioe` s-somma ta’ Lm2,897.61 tigi ridotta ghal Lm2,462.97 biex din ir-riduzzjoni taghmel tajjeb ghall-irrangar tal-planki”.*

Illi din il-konkluzjoni giet ikkonfermata mill-istess Perit Tekniku fl-eskussjoni tieghu tas-17 ta’ Ottubru 2001, u fir-risposti in iskritt ipprezentati fl-istess seduta, anzi zied jghid li l-ordni li saret mill-konvenut kienet wahda normali *“il-partijiet li ghandhom difett estetiku huwa ferm anqas minn 15% tal-area ta’ planki fornuti pero` s-sottoskritt ha in konsiderazzjoni l-inkonvenjenza, manodopera u l-materjal rikjest biex isir is-sanding u wasal ghall-konkluzjoni li t-*

*tnaqqis ta' 15% mis-somma dovuta hi "fair and reasonable" f'dan il-kaz, in fatti sar tnaqqis ta' erba' mija u erbgha u tletin punt sitta erbgha liri Maltin (Lm434.64)".*

Illi din il-Qorti taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet peritali stante li dawn huma ibbazati fuq ix-xhieda prodotta u wkoll fuq dak li teknikament irrelata dwaru l-istess espert tekniku, u ghalhekk thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-ammont ta' elfejn, erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm2,462.97) biex din ir-riduzzjoni taghmel tajjeb ghall-irrangar tal-wicc tal-planki.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' biss in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u dan fis-sens li mill-ammont rikjest fic-citazzjoni attrici ghandu jitnaqqas l-ammont ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm434.64) u dan sabiex jirrimedja ghad-difetti ndikati mill-istess Perit Tekinu fil-planki mertu tar-relazzjoni peritali tieghu u l-kawza attrici, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut, **tilqa' it-talba attrici** biss fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm2,462.97) b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm2,462.97) dovuti bhala

bilanc ghall-prezz ta' planki tas-soqfa u mibjugha u kkonsenjati u xoghol iehor konness, kif fuq premess.

Illi kkonsidrat il-fatt li l-konvenut irrifjuta kull tentattiv ta' transazzjoni da parte tas-socjeta` attrici, li anke offriet li tnaqqas il-bilanc tal-prezz dovut ghall-ammont ta' Lm1,564, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut baqa' jinsisti li ma jhallas xejn mill-bilanc li kien dovut, din il-Qorti thoss, li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tar-relazzjoni peritali u tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru, kontestwalment ipprezentati mal-att tac-citazzjoni, u tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju 1995 u dik bonarja tal-21 ta' Frar 1996 u l-imghaxijiet legali mid-data tat-12 ta' Dicembru 1990 sad-data tal-effettiv pagament ghandhom jigu sopportati kollha mill-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002**